



Brussell, 26 ta' Ġunju 2023  
(OR. en)

**10535/23**

**COPS 307  
CFSP/PESC 835  
CIVCOM 163  
CSDP/PSDC 461  
RELEX 714  
JAI 841  
MOG 82  
PSC DEC 22  
EUCOPPS 10  
EUMC 264**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (EUPOL COPPS/1/2023)

---

## **DEĊIJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2023/...**

**ta'...**

### **li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (EUPOL COPPS/1/2023)**

**IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/354/PESK tat-3 ta' Lulju 2013 dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS)<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

---

<sup>1</sup> ĠU L 185, 4.7.2013, p. 12.

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni 2013/354/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti bil-għan li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS), inkluż id-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.
- (2) Fit-13 ta' Ottubru 2020, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1541<sup>1</sup>, li ġatret is-Sa Nataliya APOSTOLOVA bħala Kap tal-Missjoni ta' EUPOL COPPS mill-15 ta' Novembru 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021.
- (3) Fit-28 ta' Ġunju 2022, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1044<sup>2</sup>, li estendiet il-mandat tas-Sa Nataliya APOSTOLOVA bħala Kap tal-Missjoni ta' EUPOL COPPS mill-1 ta' Lulju 2022 sat-30 ta' Ġunju 2023.
- (4) Fi ... 2023<sup>+</sup>, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/...<sup>++3</sup>, li testendi l-mandat ta' EUPOL COPPS mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2024.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2020/1541 tat-13 ta' Ottubru 2020 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (EUPOL COPPS/1/2020) (ĠU L 353, 23.10.2020, p. 8).

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2022/1044 tal-28 ta' Ġunju 2022 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (EUPOL COPPS/1/2022) (ĠU L 173, 30.6.2022, p. 73).

<sup>+</sup> ĠU jekk jogħġibok inkludi d-data tad-Deċiżjoni f'ST 9426/23.<sup>++</sup> ĠU jekk jogħġibok inkludi n-numru tad-Deċiżjoni f'ST 9426/23 u kkompleta n-nota ta' qiegħ il-paġna.

<sup>3</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/... li temenda d-Deċiżjoni 2013/354/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (ĠU LL..., ..., p. ....).

- (5) Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppropona l-estensjoni tal-mandat tas-Sa Nataliya APOSTOLOVA bħala Kap tal-Missjoni ta' EUPOL COPPS mill-1 ta' Lulju 2023 sal-14 ta' Novembru 2023,

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

*Artikolu 1*

Il-mandat tas-Sa Nataliya APOSTOLOVA bħala Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) huwa b'dan estiż mill-1 ta' Lulju 2023 sal-14 ta' Novembru 2023.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2023.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*  
*Il-President*